UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA. MST 2015
TEL: 21433826
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' facebook: mostaparish

18 ta' Jannar 2024

55

40/2025

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Monsinjur Charles J. Scicluna
Arċisqof Metropolita ta' Malta.

**Rikors biex isir restawr tal-Via Sagra li tinsab fil-Bażilika tal-Mosta.**

Eċċellenza,

Sa issa diġa' saru diversi proġetti ta' preservazzjoni u restawr ta' pitturi mportanti li jinsabu fil-Bażilika tal-Mosta. Nixtiequ li nkomplu dan il-proċess billi jsir tindif u restawr tal-Via Sagra tal-istess Bażilika. Dan is-sett jikkonsisti minn 14-il kwadru x'xeni tal-istazzjonijiet tradizzjonali tal-Via Sagra u żewġ gwarniċi simili li jinkwadraw relikwarju u l-post taż-żjut imqaddsa.
Il-ħsieb hu li nibdew billi nagħmlu talba lill-arts counsil Malta biex isiru iż-żewġ gwarniċi tar-relikwarju u ż-żjut imqaddsa, kif wkoll tnejn mis-set tal-Via Sagra. Jekk it-talba tiġi milqugħa nkunu nistgħu nibdew dan il-proġett. Jekk le, dan il-proġett jinbeda meta jinstabu l-fondi għalihom (bħal donazzjonijiet minn benefatturi). Bla dubju dan hu proċess li se jieħu ż-żmien, għall-fatt li d-daqs tagħhom hu ta' daqs konsiderevoli.
Hu stmat li se jiswew €4032 kull kwarniċ u €1357 kull pittura. Il-kunsilli pastorali u finanzjarju jaqblu li jinbeda dan ir-restawr u jsir tul is-snin li ġejjin.

Għaldaqstant qed nitlob li tiġi milqugħha din t-talba.

Filwaqt li nitlob il-barka tiegħek,
Nirringrazzjak ta' kollox.

Dun Sebastjan Caruana
Arċipriet

Sigillum Paroeciæ Assumptionis B.M.V. Mustæ Melitæ

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 20 ta' Jannar 2025

Charles Buġeja, Kanċillier

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**40/2025**

## DIGRIET

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Dun Sebastjan Caruana, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mosta, rikorrent, fit-termini tar-relazzjonijiet tas-Segretarju Amministrattiv u tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 4 ta' Frar 2025.

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Vigarju Ġenerali

Kopja tal-oriġinal
Illum, 4 ta' Frar 2025

Fr. Charles Bugeja
________________ Kanċillier

L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

29 ta' Jannar, 2025

Lil: Fr Charles Bugeja
Kanċillier

Dwar: Rikors 40/2025
mingħand l-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana, Mosta
dwar Restawr tal-Via Sagra, Żewġ Gwarniċi u l-Post taż-Żjut Imqaddsa

Il-Board of Management (Min. 1187.12 – 21/1/2025) qabel mar-restawr tal-ewwel fażi tar-restawr li għalih se ssir l-applikazzjoni għall-finanzjament relattiv. Għall-bqija tar-restawr tal-Via Sagra jkun irid isir rikors ieħor.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Michael Pace Ross
Segretarju Amministrattiv

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 5350
Email: info@maltadiocese.org
www.knisja.mt

27 ta' Jannar 2025

**Prot. N. 40/2025 - Parroċċa Il-Mosta**
**Restawr tal-Via Sagra: Tnejn minn 14-il kwadru u żewġ gwarniċi tar-relikwarju u iż-żjut mqaddsa**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku, Kurja tal-Arċisqof, P.O. Box 1, Il-Furjana FRN 1520, Malta Tel +356 2590 6510 Email kpkk@maltadiocese.org

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Parroċċa / Entita'** | Parroċċa Mosta - Tindif u restawr tal-Via Sagra |
| **Numru tar-Rikors** | 040/2025 |
| **Numru tad-Digriet** | 055/2025 |
| **Data tad-Digriet** | 4 ta' Frar 2025 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Digriet** | | € 10.00 | ☐ | € 0.00 |

**Digrieti dwar proġett**

| | | Valur tal-Proġett | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 0.50% | €10,778.00 | € 53.89 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 0.40% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.30% | | € 0.00 |

**Digrieti ta' Sanazzjoni**

| | | Valur tas-Sanazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 1.50% | | € 0.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 1.20% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.90% | | € 0.00 |
| | | | € 53.89 |

Numru tal-Call A/c ____________________

Numru tar-Riċevuta ____________________

L-ispejjeż tad-Digriet se jittieħdu mill-*call account.*

Fr. Charles Bugeja

Fr Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS